bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Peter Paul Zammit u
Sp Sharon Tanti)
vs
Joachim sive Jack Spagnol, iben
Paul, imwieled Pieta' fl-10 ta'
diċembru, 1964

Illum, 19 ta' lulju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' diċembru, 1996, u matul il-ħdax il-sena preċedenti, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, xjentement għex għal kollox jew in parti mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' Rita Muscat;
2. talli bejn ottubru, 1985 u it-23 ta' april, 1987 b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, sabiex jissodisfa ż-żina ta' ħaddiehor ħajjar għall-prostituzzjoni, persuna ta' taħt l-eta' (Rita Muscat) jew eċċita l-korruzzjoni tagħha, jew għen jew iffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, liema delitt sar b'qerq u bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ;
3. talli bejn is-sena 1987 u is-sena 1997 b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, sabiex jissodisfa ż-żina ta' ħaddiehor ġiegħel bi vjolenza jew ħajjar b'qerq lil Rita Muscat għall-prostituzzjoni u dan bi drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ;
4. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-31 ta' jannar, 1997 u fl-erba' snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, xjentement għex għal kollox jew in parti mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' Josianne Gauci;
5. talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar erba' snin b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, biex jissodisfa z-zina ta' ħaddieħor, ġiegħel bil-vjolenza jew ħajjar b'qerq lil Josianne Gauci għall-prostituzzjoni u dan bi drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ;

6. talli fil-31 ta' jannar, 1997, fil-Gżira, volontarjament, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' oħtu, Karen Spagnol, f'perikolu ċar, ikkaġunalha offiża gravi li x'aktarx tikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem;
7. talli fit-28 ta' diċembru, 1996, fil-Gżira, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Rita Muscat;
8. talli fit-28 ta' jannar, 1997 f'Ta' Xbiex ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josianne Gauci;
9. talli f'Malta u fil-Gżira, kellu jew zamm arma tan-nar taħt il-kustodja tiegħu f'xi fond jew f'post li jagħmel miegħu mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
10. talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur ġie f'pussess ta' arma tan-nar xort'oħra milli b'liċenzja u ma tax l-avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija;
11. talli fl-1 ta' frar, 1997 u fix-xhur ta' qabel zamm xi stampati, tpinġija, ritratti, films pornografiċi jew oxxeni taħt il-kustodja tiegħu;
12. talli fil-31 ta' jannar, 1997, fil-Gżira, għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs in-nhar, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma ħalliex, jew fixkel lill-pulizija waqt id-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijiethom billi ma ħalliehomx jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu jagħmlu jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li għamlu skond il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;
13. talli fit-terminu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) huwa kiser il-kondizzjoni li ma jagħmilx reat fuqu mpost b'tali sentenza a terminu tal-artikolu 28A et seq. tal-Kodiċi Kriminali;
14. talli f'dawn l-aħħar tnax il-sena, ħeba jew wera ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali bi ksur ta' l-Att XIX ta' l-1994 kontra l-'money laundering';
15. talli fl-istess żminijiet bir-ritensjoni mingħajr skuza raġonevoli ta' proprjeta meta kien jaf li l-istess proprjeta kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew att ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali bi ksur ta' l-Att XIX ta' l-1994 kontra l-'money laundering';
16. bit-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i)(ii)(iii) u (iv) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att XIX ta' l-1994 kontra l-'money laundering';
17. talli huwa sar reċidiv b'sentenżi tal-Qorti liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' mejju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

(a) fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) fl-artikoli 18 u 204 tal-Kodiċi Kriminali;
(c) fl-artikoli 18 u 205 tal-Kodiċi Kriminali;
(d) fl-artikoli 216, 218 u 221 tal-Kodiċi Kriminali;
(e) fl-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Kodiċi Kriminali;
(f) fl-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali;
(g) fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-vebal tas-seduta tad-19 ta' Lulju, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Lulju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kif dedotti mill-Avukat Ġenerali ħlief għal dik l-akkuża li hi ndikata bl-ittra "f" billi na ġiet eżebita ebda sentenza wisq anqas saret il-prova relattiva.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tlettax il-akkuża billi ma ġiet eżebita ebda sentenza wisq anqas saret il-prova relativa. L-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikoli għall-akkużi ħdax, erbatax, ħmistax, sittax u sbatax u għalhekk tali akkużi għandhom jiġu konsiderati bħala rtirati. Issib lill-imputat ħati mill-ewwel sal-għaxar akkuża u it-tnax l-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 204, 205, 216, 218, 221 u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 2, 3 u 19 tal-Kapitolu 66 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500). Tordna li l-flus eżebiti ma jiġux konfiskati. Tordna li d-deheb eżebit jiġi ritornat lill-sidien liġittimi fuq debita riċevuta. Tordna l-konfiska tal-arma, mobile phones u tal-videos eżebiti. Tordna l-ħruġ ta' kontro-ordni favur l-imputat skond l-Att XIX ta' l-1994 dwar il-'Money Laundering'. Tordna n-notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu l-passi kollha neċessarji biex tali kontro-ordni jidħol fis-seħħ minnufih.